MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Appell Kriminali Numru. 27/2011

**Il-Pulizija**

**(Spt. A.P. Miruzzi)**

**Vs**

**Desmond Mizzi**

**Illum 10 ta' Lulju, 2014,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati Desmond Mizzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghan-nom u in rappresentanza ta' Mizzi Group Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-

Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li tibghat lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (11) id-denunzja, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Dicembru 2007 sat-30 ta'April 2010 u dan bi ksur tal-artikolu 27, artikolu 66 u artikolu 76(c) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 27, 66 u 76(c) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu in kwantu tirreferi ghad-denunzji dovuta sa' Ottubru 2009 u kkundanntu multa ta' disgha mitt Euro (€900). La darba l-appellant m'ghadux f'posizzjoni li jirrediegi u jibghat dawn id-denunzji mhux il-kaz li jigu imposta terminu biex jottempera ruhu u multa addizzjonali.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta' Jannar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Fl-ewwel lok, l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta hija skartat id-difiza tieghu illi huwa kien fl-impossibilita` illi jibghat id-denunzji tat-taxxa fuq il-valur mizjud ghall-perjodi indikati fic-citazzjoni u illi konsegwentement ad impossibilita nemo tenetur.
   Ghalkemm l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet il-fatt illi d-diretturi ta' din is-socjeta` (Mizzi Group Limited) lahqu ftiehem fis-sena 2005 li permezz tieghu (inter alia) Joseph Mizzi wahda gie fdat bir-responsabbilita` tad-denunzji tal-VAT" hija rriteniet –

erronjament fl-opinjoni ta' l-appellant – illi "jirrizulta ukoll pero` li kien biss wara "extraordinary general meeting" mizmum f'Ottubru 2009 li Joseph Mizzi inghata d-dokumenti u l-informazzjoni kollha mehtiega biex huwa wahdu jkun jista` jipprepara l-imsemmija dokumenti".

L-appellant jghid illi dan mhuwiex il-kaz u dana peress illi, kif irrizulta ampjament quddiem l-Ewwel Qorti, in-negozju, tmexxija u amministrazzjoni tal-kumpanija Mizzi Group Limited kienet giet fdata lil hu l-appellant sa mis-sena 2005 u illi ghalhekk kull dokument u informazzjoni kienet f'idejn hu l-appellant u hadd hliefu. Konsegwentement kien hu l-appellant, Joseph Mizzi, illi kirn f'posizzjoni illi jimla u jibghat id-denunzji tat-taxxa fuq il-valur mizjud fil-perjodi indikati fic-citazzjoni. Dan del resto gie ammess minn Joseph Mizzi stess waqt ix-xhieda tieghu in kontro-ezami moghtija quddiem l-Ewwel Qorti fil-kaz kontrih fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Joseph Mizzi". L-appellant mill-banda l-ohra kien fl-impossibilita` illi jaghmel dan ghaliex it-tmexxija, amministrazzjoni u gestjoni kienet f'idejn huh Joseph Mizzi.

Huwa minnu illi kif jirrizulta mill-minuti ta' l-"Extraordinary General Meeting of Mizzi Group Limited" li nzamm nhar is-27 ta' Ottubru 2009, liema minuti wkoll gew ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti, irrizulta illi t-tielet direttur, Joseph Tabone, kien wiehed illi jaghti xi dokumentazzjoni lil Joseph Mizzi u fil-fatt huwa tah din l-informazzjoni. Madanakollu, fil-fehma ta' l-appellant, l-Ewwel Qorti naqset milli tikkunsidra debitament il-fatt illi waqt dik il-laqgha kien l-istess appellant illi ha hsieb illi jqajjem ghad-diskussjoni l-fatt illi huh Joseph Mizzi ma kienx qieghed jonora l-obbligu tieghu illi jibghat id-denunzji tat-taxxa fuq il-valur mizjud u illi kien f'dan il-mument biss illi huh allega li kien jinhtieg xi dokumentazzjoni. L-imgieba ta' Joseph Mizzi hija altament suspettuza u dana ghaliex fl-ewwel lok fis-sena 2005 kien assuma l-gestjoni u amministrazzjoni kollha relatata mal-bini maghruf bhala "Millennia" u ghalhekk mat-"trading" kollu tal-kumpannija Mizzi Group Limited izda naqas sas-sena 2009 milli jibghat id-denunzji. Meta mbaghad gie rinfaccjat b'ittra illi kien ircieva l-appellant huwa allega li kien jinhtieg xi dokumentazzjoni ohra u staqsa ghal din l-informazzjoni lid-direttur l-iehor certu Joseph Tabone. Il-mistoqsija hija ovvja, ghaliex Joseph Mizzi halla mis-sena 2005 sas-sena 2009 biex jitlob dawn id-dokumenti? Ghaliex talabhom biss meta gie rinfaccjat bl-imsemmija ittra mill-appellant? U ladarba huwa kien ilu jmexxi u jiehu hsieb in-negozju mis-sena 2005 kif jippretenda illi t-tielet direttur, Joseph Tabone, kellu xi dokumentazzjoni relattiva ghall-perjodi ta' taxxa imsemmija fic-citazzjoni odjerna, jigifieri ghas-sena 2007 u sussegwenti?

Fl-opinjoni ta' l-appellant, dana l-fattur wahdu kellu jwassal lill-Ewwel Qorti sabiex issib lil Joseph Mizzi wahdu hati u tillibera lill-appellant.

U anke kieku kellu jigi argumentat *gratia argomenti* biss illi Joseph Mizzi kien jinhtieg xi karti jew informazzjoni ulterjuri jirrizulta mill-minuti tal-laqgha ezebiti quddiem l-Ewwel Qorti illi Joseph Mizzi ma talabx lill-appellant dawn il-karti izda talabhom lil Joseph Tabone, ossija d-direttur l-iehor. Ghalhekk irrizulta ampjament illi l-appellant la kellu xi karti, dokumentazzjoni jew informazzjoni fil-pussess tieghu li ma kellux huh u lanqas illi l-appellant obbliga ruhu jaghti dik id-dokumentazzjoni u jew informazzjoni lil huh.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellanti jsostni illi huwa kellu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija peress illi kien fl-impossibilita` illi jimla u jibghat id-denunzja u dana in succint, l-ewwel u qabel kollox ghaliex kien huh Joseph Mizzi illi kellu l-gestjoni u l-amministrazzjoni tan-negozju u assuma l-obbligi kollha relattivi, u di piu` huwa la kellu u lanqas intalab jaghti xi informazzjoni li allegatament Joseph Mizzi ma kellux.

2. Fit-tieni lok, l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Qorti zbaljat ukoll meta b'referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Gaetano Abdilla" deciza nhar it-28 ta' Lulju 2003 irriteniet illi "jirrizulta li l-imputat kien jaf li s-socjeta` li taghha huwa direttur ma kenitx qed tottempera ruhha ma' l-obbligi naxxenti mill-Kapitolu 406. In oltre jirrizulta li kien biss wara l-laqgha ta' Ottubru 2009 li ttiehdu passi biex il-persuna li lilha kien gie delegat ir-responsabbilita` tad-denunzji tkun tista` taghmel hekk.

L-appellant jsostni illi mhuwiex minnu illi – kif irriteniet l-ewwel Qorti – huwa kien jaf illi l-kumpannija Mizzi Group Limited ma kenitx qeghda tottempera ruhha ma' l-obbligi naxxenti mill-Kapitolu 406. Il-verita` u kif irrizulta quddiem l-Ewwel Qorti hija fis-sens illi huwa sar jaf biss b'dan in-nuqqas fis-sena 2009 meta rcieva ittra mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u kien pront qajjem dina l-kwistjoni fil-laqgha tal-Bord tad-Diretturi mizmuma nhar id-29 ta' Ottubru 2009.

Apparti dana kollu, l-Ewwel Qorti zbaljat ukoll meta addebitat lill-appellant il-fatt illi – skond dik il-Qorti kien biss wara dik il-laqgha li ttiehdu l-passi biex il-persuna li lilha kie gie delegat ir-responsabbilita` tad-denunzji tkun tista` taghmel hekk. Dana qieghed jinghad ghaliex fl-ewwel lok, mhuwiex minnu illi kien biss wara dik il-laqgha li ttiehdu l-passi imsemmija ghaliex kif gja spjegat kien in-negozju, gestjoni u amministrazzjoni kienu dejjem f'idejn Joseph Mizzi. Fit-tieni lok, kif gja inghad, l-informazzjoni u dokumentazzjoni illi allegatament kellu bzonn Joseph Mizzi ma kienitx f'idejn l-appellant u lanqas biss intalbet lilu tant kemm dan huwa minnu.

Ghalhwkk l-appellant jissottometti, sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju tieghu, illi – kuntrarjament ghal dak ritenut mill-Ewwel Qorti – huwa rnexxielu imqar fuq bazi ta' probabbilita`, mhux biss li hu ma kienx jaf li kien sar ir-reat izda wkoll (mhux jew) li hu kien ezercita id-diligenzja kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat.

3. Fit-tielet lok, l-Ewwel Qorti stess irrikonoxiet illi l-appellant mhux f'posizzjoni illi jimla u jibghat id-denunzji in kwistjoni u ghalhekk ma kkundannatux f'dan is-sens. Ghal kuntrarju huh Joseph Mizzi, f'sentenza moghtija dakinhar ta' l-20 ta' Jannar, 2011, barra illi nstab hati, gie kkundannat jottempera ruhu. Pero` s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti tippekka fil-fatt illi ghalkemm irrikonoxxiet dina s-sitwazzjoni, naqset milli tirrikonoxxi illi l-appellant kien ukoll fl-impossibilita` illi jirredigi u jibghat l-istess denunzji fil-mument illi kellhom jintbaghatu u ghalhekk ma kellux jinstab hati.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa direttur u shareholder ta' Mizzi Group Limited li kienet giet iffurmata fl-elf disa' mija sitta u disghin (1996). Xoghlu kien illi jgib ix-xoghol ghall-kumpanija. Fis-sena elfejn (2000) saru diskussjonijiet biex isir qasma ta' din is-socjetà, liema diskussjonijiet baqghu sejrin sal-elfejn u hamsa (2005). Finalment Joseph Mizzi ha l-kumpanija u l-appellant ha s-sussidjarji kollha (ara ftehim fol 17). L-amministrazzjoni ta' Mizzi Group ghaddiet kompletament f'idejn Joseph Mizzi u l-appellant lanqas access ghall-fond fejn jigi gestit ix-xoghol tal-kumpanija ma kellu. Il-korrispondenza tal-kumpanija kien imorru kollha ghand l-istabbiliment "Millennia" illi kien fil-pussess ta' Joseph Mizzi. Meta l-appellant sar jaf illi kien hemm xi pendenzi mal-VAT sejjah board meeting sabiex dan jigi diskuss, kif fil-fatt gara u Joseph Mizzi kien talab l-informazzjoni minghand Joseph Tabone li huwa l-accontant tal-kumpanija. Dan tal-ahhar baghat l-informazzjoni rikjesta izda s-Sur Mizzi ma ghamel xejn u lanqas ma ta informazzjoni lura lil Joseph Tabone. Kellha tkun kawza l-Qorti biex l-informazzjoni tigi ghandu u ghand l-appellant. Joseph Mizzi ha r-responsabiltà illi jiehu l-kwistjoni f'idejh izda kellu jkun imgieghel mill-Qorti biex jissottometti r-returns kif fil-fatt ghamel fis-sebgha (7) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013) però xorta minghajr pagament. Veru illi EGM gie mlaqqa' xi xahar u nofs wara illi l-appellant sar jaf bin-nuqqas. Però din il-Qorti

tirrealizza illi tenut id-dizgwid illi hemm bejn id-diretturi t-terminu ghal-laqgha ta' EGM irid ikun osservat skrupolozament u zgur illi dan ma jistax jitlaqqa' mil-lum ghal ghada.

Ikkunsidrat:

F'sitwazzjoni bhal din min ikun akkuzat b'nuqqas ta' osservazzjoni tar-regolamenti dwar il-VAT irid juri lill-Qorti almenu fuq bazi ta' probabilità illi huwa uza u ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jigi evitat dak ir-reat, illi meta sar jaf ghamel minn kollox biex jassigura l-osservanza tal-ligi. Dana qalitu l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija versus Gaetano Abdilla" deciza fit-28 ta' Lulju 2003. F'dan il-kaz, l-appellant bhala direttur tal-Mizzi Group Limited qed jigi mixli li huwa ma dahhalx denunzji mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru tal-elfejn u sebgha (2007) sat-tletin (30) ta' April tal-elfejn u ghaxra (2010), f'liema zmien minkejja li kien direttur ma kellu awtorità ta' xejn ghax ma kellux access ghall-kotba tal-kumpanija u lanqas ma kellu access ghall-fond bl-indirizz registrat tal-kumpanija. L-ewwel darba li l-appellant sar jaf illi kien hemm xi irregolarità kien f'Ottubru tal-elfejn u disgha (2009) u fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru tal-elfejn u disgha (2009) saret extraordinary general meeting tal-kumpanija fejn jigi dikjarat illi Mr Jovin Mizzi "in turn undertook to solicit Falzon and Falzon to prepare the outstanding returns for signature as soon as possible." ... "Mr Jovin Mizzi also undertook to inform the VAT Department that the returns will be filed shortly." Madankollu kif digà inghad ma ghamel xejn u kien biss wara intervent tal-Qorti illi dawn ir-returns jew denunzji dahlu fis-sebgha (7) ta' Frar tal-elfejn u tlettax (2013).

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-appellant wera, fuq bazi ta' probabilità, illi bhala direttur tal-kumpanija ma kienx jaf illi d-denunzji ma ntbaghtux u meta sar jaf ghamel minn kollox sabiex din l-irregolarità tigi irrangata. Ma kienx it-tort tieghu illi dan ma sarx jew inkella dam ma sar minhabba dizgwid intern fejn l-appellant gie mcahhad ghal kollox minn access ghall-bini tal-kumpanija kif ukoll dokumenti u kotba taghha.

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-appellant m'ghandux jinsab responsabbli ghal dan in-nuqqas.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------